Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 09/17

**AVVIŻI**

**26 ta' Frar 2017**

Illum issir il-ġabra speċjali għall-bżonnijiet tal-parroċċa. Infakkrukom li 10% tal-ġabra tingħata karità. Dan ix-xahar din l-għotja sa tkun qed tingħata lill-komunità missjunarja li matul dan ix-xahar żaret lill-parroċċa tagħna u mexxiet iż-żjara tal-kopja tal-liżar ta' Kristu. Grazzi tal-ġenerożità tagħkom.

--------------

Nhar it-Tnejn 27 ta' Frar isir il-festin tal-Karnival għat-tfal tal-parroċċa fit-3pm fiċ-Ċentru Parrokkjali. Ma jintalabx ħlas imma jkunu apprezzati donazzjonijiet għall-ispejjeż.
Huwa importanti li dawk li jiġu jkunu nkitbu minn qabel.

Nhar it-Tlieta 28 ta' Frar f'għeluq ix-xahar mill-mewt ta' P. Eġidju Mizzi sa ssir quddiesa kkonċelebrata għal ruħu fis-6.15pm.

Nhar l-Erbgħa 1 ta' Marzu jibda ż-żmien tar-Randan. Huwa jum ta' Sawm u Astinenza. Il-quddies ikun fil-5.30am, fis-6.15am u fis-6.15pm. Tkun ħaġa sabiħa li nqaddsu dan il-jum bis-sehem fil-quddiesa. It-tfal kollha jieħdu sehem fil-quddiesa ta' filgħaxija.

Nhar il-Ġimgħa 3 ta' Marzu – l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar – issir quddiesa għat-tfal fl-4.30pm fil-Knisja.

Nhar is-Sibt ikun l-ewwel Sibt tax-xahar. Filgħodu tkun miftuħa l-librerija fiċ-Ċentru Parrokkjali u filgħaxija ssir siegħa Adorazzjoni Ewkaristika fil-5.15pm fil-Knisja.

Sa nippruvaw inkomplu l-esperjenza ta' Oratorju għat-tfal li bdejna kull nhar ta' Sibt. Biex isir dan għandna bżonn l-għajnuna ta' xi volontiera li jkunu jistgħu joffru ftit ħin ta' għajnuna. Min jista' jgħin ikellem lill-kappillan mill-aktar fis. Jekk ma jkunx hemm min jgħin ma jkun possibbli li ssir din il-laqgħa sabiħa għat-tfal.

---

*Għal aktar tagħrif żur is-sit:* www.parroccaburmarrad.com